**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 5 ta' Lulju 2019**

**Kumpilazzjoni numru: 397/19 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Angelo Tanti**
**(ID: 421161M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Angelo Tanti** talli nhar il-25 ta' Mejju 2019 għall-ħabta tal-11:00hrs fi Triq Dun Karm Psaila, f'Ħaż Żebbuġ;

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, għamel offiża fuq il-persuna ta' Tonio Galea, liema offiża titqies bħala gravi;

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar

jew għarraq xi ħaġa u ċioè vettura tal-għamla Kawasaki bin-numru ta' reġistrazzjoni ACN 398, għad-dannu ta' Tonio Galea u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur, b'manjiera perikoluża, traskurata u bla kont;

4. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jieqaf fuq il-post jew li jirrapporta inċident tat-traffiku li hu stess kien involut fih meta ħabat mal-vettura b'numru ACN 398 tal-għamla Kawasaki;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, meta kien qed isuq vettura bil-mutur, għadda kontra sinjal li jindika li hemm dħul;

6. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, kien qed isuq vettura bil-mutur mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorità;

7. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, kien qed isuq vettura bil-mutur waqt li kien qed jagħmel użu minn numri ta' identifikazzjoni xort'oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur;

8. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, uża vettura bil-mutur fit-triq, meta ma kellux polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza;

9. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli nhar it-18 ta' Ġunju 2019 u fil-ġranet ta' qabel din id-data f'razzett bejn Ħal Far u Birżebbuġia:

10. Rabat, qafel, rabat b'katina jew irristrinġa kelb, jew ikkawża kelb li jintrabat, jinqafel jew jintrabat b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma ta' kelb jew bħala mezz primarju ta' żamma ta' kelb;

11. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi ġiegħel animali u cioè klieb u ħanżir isofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u kif ukoll talli abbanduna l-imsemmi klieb u ħanżir;

12. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi naqas milli jkun responsabbli għat-trattament xieraq tal-annimali, meta żamm l-annimali jew qabel li jżomm annimali u ċioè klieb u ħanżir;

13. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi naqas milli jieħu l-passi raġonevoli f'ċirkostanza biex jiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimali li huwa responsabbli għalihom jew li qabel li jieħu ħsieb, u ċioè klieb u ħanżir, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali u ċioè klieb u ħanżir. (Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tkun tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba tiegħu b'mod normali, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard);

14. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi żamm kelb ta' erba' xhur jew aktar, mingħajr liċenzja.

Barra min dan, l-imputat Angelo Tanti huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba illi f'kaz ta' ħtija, tiskwalifika lill-imputat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex b'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur u cioè vettura tal-marka TATA.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi ghall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija però ghandu fedina penali refrettarja hafna. Hadet ukoll inkonsiderazzjoni li l-parte civile ivverbalizza li huwa mhuwiex wara xi piena li tmur lejn il-massimu.

Illi l-Qorti wara hadet dan kollu in konsiderazzjoni, hija tal-opinjoni illi ghalkemm l-imputat gie trattat bil-pieni kollha possibbli, inkluz prigunerija effettiva, qisu bhal donnu ma jistax izomm 'il boghod mill-Qorti. Invista tal-imputazzjonijiet il-Qorti se tkun qieghda tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 225 (1), 226 (1) (a), 328 (b) tal-Kodici Kriminali, artikolu 15 (1) (a) u 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 67 (1) u (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, Regolament 2 tal-Iskeda Taqsima II (A) (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05, Regolament 13 (2) tat-Taqsima III tal-Ligi Sussidjarja 368.02, artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 (1) tal-Ligi Sussidjarja 439.21, Regolament 8 (2), (3) u (4) tal-Kapitolu 439 u Regolament 5 (2) tal-Ligi Sussidjarja 437.101, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Angelo Tanti** ħati tal-

imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sena (1) priġunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt ewro (€300).**

Il-Qorti qieghda wkoll tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum u tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Tata bil-kulur abjad elevata mill-Pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur